MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 665/2012

**Artikoli 64(1), 261(a)(b)(c)(e)(f), 269, 280(2), 316, 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 5(1) u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**MICHAEL MIFSUD**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MICHAEL MIFSUD** ta' 26 sena, bin Francis u Maria Dolores nee' Curmi, imwieled Pieta' fis-6 ta' Dicembru, 1985 u residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita' numru 12286(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Marzu, 2006, gewwa l-impjant Alfred Mizzi Excavation Works fi Triq Sant'Antnin, Marsascala, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa:

1. Volontarjament ta n-nar lill-bini, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda meta fil-waqt li ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, kien qieghed b'mod li ma setax iqabbad hruq f'bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), liema hsara saret ghad-dannu ta’ Alfred Mizzi, Jonathan Mizzi u/jew ta’ xi persuna/i u jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

3. Ikkommetta serq t’oggetti, fosthom *DVD* u *television*, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Alfred Mizzi, Jonathan Mizzi u/jew ta’ xi persuna/i jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

4. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

5. Zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

6. Meta la kien hemm kaz t’emergenza li vizibilment tfisser tbatija zejda u li tista’ twassal ghall-mewt u meta l-imputat odjern la huwa

veterinarju jew persuna ohra kompetenti, qatel annimal ta’ razza domestika jew li tappartjeni ghall-razza selvagga izda li tkun giet domestika, cioe’ kelb, u dan sar minghajr ma zgura li dik il-mewt tkun bl-inqas tbatija fizika u mentali ghall-annimal kif kien xieraq fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. JM1 a fol. 5, il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. JM 2 a fol. 6 et seq, l-istqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. JM 3 a fol. 11 et seq, id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghall-parir legali mmarkata bhala Dok. JM 4 a fol. 14 u il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Gunju, 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. JM 5 a fol. 15 tal-Process.

Rat illi l-ezami li sar lill-imputat nhar l-10 ta’ Settembru 2014 (fol. 16) l-imputat iddikjara li ma kellux oggezjoni li l-kaz tieghu jigi trattat b’mod sommarju.

Illi nhar il-10 ta’ Settembru, 2012 gie esebit il-Proces Verbal dwar hruq ta’ dghajsa Heart Breaker hdejn l-Impjant ta’ Sant’Antnin, Wied il-Ghajn nhar it-tlieta (3) ta’ Marzu, elfejn u sitta (2006) li gie mmarkat bhala Dok RB1 u li fl-istess seduta l-Qorti diversament preseduta ddikjarat li qieghda tikkonferma l-esperti nominati fl-inkjesta u ghamlithom taghha tul din il-kumpilazzjoni.

Illi nhar il-10 ta' Settembru, 2012 xehed **Robert Bugeja** u ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati esebixxa kopja vera ta' kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) (Spettur Joseph Mercieca) vs Michael Sammut** liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok RB2.

Illi nhar l-10 ta' Settembru, 2012 xehed **Dr. Mario Scerri MD** u spjega illi huwa kien gie ngunt sabiex jixhed fil-proceduri li llum jinsabu konkluzi fil-konfront ta' Michael Mifsud, liema atti jinsabu esebiti f'dawn l-atti u mmarkati bhala Dok RB2 fejn kien ipprezenta relazzjoni li gharaf seduta stante u ghamel referenza ghaliha stante li tinsab esebita a fol. 673 sa 684 ta' Dok RB2. Jghid li flimkien ma' din ir-relazzjoni hemm ir-rizultat tal-espert barrani Dr. Walker li kien gie nominat sabiex jaghmel xi ezamijiet tad-DNA fuq kampjuni li huwa stess kien tellgha l-Ingilterra. Fil-fatt l-ahhar tlett faccati tar-rapport tieghu fol. 687 sa 689 huma r-rapport ta' Dr James Walker. Spjega li kien mar l-Ingilterra, tah il-kampjuni, konsistenti f' *buckle swab*, l-espert hadem il-kaz u r-rizultati tieghu jinsabu esebiti kif fuq spejgat. Ikkonferma li dan huwa kopja tal-original li jinsab esebit fi process iehor.

Mistoqsi jekk jiftakarx li kien inhatar fil-mori tal-proceduri huwa wiegeb li kien gie mahtur fil-mori tal-kawza (Dok RB2), b'digriet appozitu sabiex jghaddi l-balaklava u xi oggetti ohra li l-pulizija kienet

elevat. Huwa kien ha l-*buckle swab* ta' Michael Mifsud u kien ghadda din il-*buckle swab* u l-oggetti li kienu gew mghoddija lilu sabiex jigu analizzati minn dan l-espert barrani.

Illi nhar l-10 ta' Settembru, 2012 xehdet **WPC 117 Sylvia Zarb** fejn spjegat li hija ghamlet ricerka fis-sistema tal-armi kompjuterizzata sabiex tara jekk Michael Mifsud bin-numru tal-identita' 12286(M) ghandux xi permess sabiex izomm jew igorr armi u kkonfermat li m'ghandu l-ebda tip ta' licenzja tal-armi, kemm biex izomm u kemm biex igorr. Hija spjegat li r-ricerka ghamlitha hija stess. Esebiet id-dokument relattiv li gie mmarkat bhala Dok SZ1.

Illi nhar l-10 ta' Settembru, 2012 xehed **Jonathan Mizzi** u mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk jiftakarx l-incident li kien sehh fl-impjant taghhom M'scala nhar it-tlieta (3) ta' Marzu, elfejn u sitta (2006) u spjega li kien diehel filghodu kmieni ghal xi l-hamsa u nofs (5:30) ta' filghodu u ra xi haga mhiex tas-soltu, ra dghajsa taqbad, kien hemm kelb mejjet, u kellhom kamra naqra l-fuq tiehu n-nar ukoll. Mitlub jispjega fejn hu dan l-impjant u x'jismu huwa spjega li isem m'ghandux pero' wara r-riciklagg ta' Marsascala. Gie mistoqsi fejn kienet din id-dghajsa u l-kelb u spjega li d-dghajsa kienet ipparkjata taht tinda. Mistoqsi jispjega x'tip ta' post hu jghid li l-post hu qisu barriera. Gie mistoqsi jekk id-dghajsa kinitx fil-barriera hu kkonferma li hemm kienet. Mitlub jghid fejn kien il-kelb spjega li l-kelb kien fin-nofs mal-art mejjet, il-kamra kienet naqra l-fuq minnu, kien hemm

qisha bicca gholja maqtugha ghaliha fejn hemm sigar tal-frott u nghid li xi njot tawha n-nar ukoll u serqu xi affarijiet minn go fiha. Gie mistoqsi jispjega x'serqu u semma' xi *television*. Mistoqsi kemm kien jiswa' dan it-*television* bejn wiehed u iehor hu spjega li nesa, ma kienx jaf kemm. Mistoqsi jghid x'tip ta' dghajsa kienet jghid li kien nesa x'jisimha. Rega' gie mistoqsi biex jispjega mhux x'jisimha imma x'tip ta' dghajsa kienet u ddeskriviha bhala *cabin cruiser*. Mistoqsi kemm kienet tiswa' bejn wiehed u iehor hu qal li jahseb li kienet tiswa' tletin elf Maltin (Lm30,000) jew hamsa u ghoxrin elf (25,000). Mistoqsi ta' min kienet id-dghajsa proprja huwa spjega li kienet ta' missieru u qal li dak iz-zmien tal-incident kien ghadu haj.

Mistoqsi min kien jiehu hsieb il-post hemmhekk spjega li kienet topera kumpanija minn hemmhekk, kien jinzel hu flimkien ma' xi haddiema ghax kellhom ix-xoghol ghaddej hemmhekk, missieru ukoll kellu x-xoghol ghaddej hemmhekk. Dak iz-zmien kien imexxi l-post missieru u l-involviment tieghu kien jidhol, jiehu hsieb in-nies u jahdem fuq barra. Mistoqsi jekk kinux imexxu hu u missieru spjega li missieru kien l-imghallem u hu kien ta' warajh. Id-danni saru ghad-detriment ta' missieru. Gie mistoqsi jekk kinux irkupraw id-danni mill-*insurance* jghid li ma jafx, m'ghandux idea kif seta' jivverifika. Mistoqsi jekk ghandhomx *accountant* spjega li bhalissa fil-kumpanija hemm naqra nkwiet ghax qieghda mitluqa waheda peress illi kien missieru d-Direttur u lahaq miet. Mistoqsi jghid jekk apparti l-hruq u l-qtil tal-kelb kienx hemm xi hsarat ohra qal li kien hemm hsara fil-kamra u ma jidhirlux li kien hemm hsarat ohra.

Bhala sigurta' kellhom is-CCTV *cameras* u mistoqsi fejn kienu dawn jekk hux fuq barra, fuq gewwa jew fin-nofs qal kienu mqassmin. Huwa qal li ra u ccekkja l-*cameras* u ra tnejn minn nies mghamdin. Huwa rahom jisparaw ghas-CCTV *camera*, jillevaw bieb tal-ufficcju u ra karozza diehla fil-post. Mistoqsi jispjega kif inhu l-post jekk hux accessibbli u kif inhu l-access, qal li l-access kien maghluq bil-*gate* li kienet tissakkar. Dakinhar kienu sabuha miftuha, pero' kien hemm xi xogholijiet ghaddejjin. Jghid li tal-Enemalta kienu qed jaghmlu mina hemmhekk u jaf illi kienu waqqghu hajt u setghu jghaddu minn hemm, fethu l-ewwel xatba u ghaddew. Hu spjega li l-*gate* sabuha miftuha.

Illi nhar il-10 ta' Settembru, 2012 xehed **Spettur Joseph Mercieca** fejn spjega illi fit-tlieta (3) ta' Marzu, tas-sena elfejn u sitta (2006) ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu l-pulizija kienu gew mgharfa illi kien hemm xi nar gewwa l-barriera ta' Alfred Mizzi Excavation Works fi Triq Sant'Antnin, Marsascala. Meta l-pulizija marret fuq il-post hemm sabet illi n-nar kien diga' gie kkontrollat mill-membri tas-CPD u kien irrizulta li kien hemm *cabin cruiser* li dak iz-zmien kellha l-isem *Heart Breaker* li kienet mahruqa kompletament. Dan kien jinsab f'bitha fil-miftuh li kien accessibbli minn *gate*. Spjega li dak iz-zmien ma kienx investiga dan il-kaz hu, ghalhekk ma setghax jidhol f'certi dettalji dwar dan il-kaz, pero' apparti minn hekk skond ir-rapport li kien erregat mis-surgent 921 illi kien mar fuq il-post kien irrizulta li kienet inghatat in-nar ukoll kamra li kienet fl-istess bitha u nstab ukoll

li fil-bitha kien hemm kelb mejjet li kien qieghed f'nofs din il-bitha, il-kagun tal-mewt tieghu kien  kompatibbli ma' tir ta' arma tan-nar.

Skond is-sidien tal-bitha cioe' Alfred Mizzi li dak iz-zmien kien hu li kien jiehu hsieb din il-barriera mill-kamra kienu nsterqu ukoll xi *television* u xi CD's xi *cassettes* iktar minn CD's. Dwar dan il-kaz kienet inzammet inkjesta Magisterjali mill-allura Magistrat illum Imhallef Dr. Abigail Lofaro u jghid ukoll li l-post kien mghammar b'sistema ta' CCTV u l-pulizija kienet gabret ukoll il-*footage* relattiv. Ghaliex dan il-*footage* ma kienx ingabar dak iz-zmien fil-mori tal-ingenere ma setghax jghid, pero' li hu zgur huwa li dan kien ingabar mis-sezzjoni tal-fotografija tal-pulizija u esebixxa ghaxar (10) fotogrammi estratti mill-istess *footage* liema fotogrammi gew esebiti u mmarkati minn numru XX1 sa XX10 bhala Dok MC1.

Spjega lill-Magistrat illi dawn l-ghaxar (10) fotogrammi kien urihom lill-imputat fil-kors tal-istqarrija li kien hadlu bil-miktub fl-ufficcju tieghu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju, 2012. Il-filmat innifsu kien rah hu ukoll, pero' dan il-filmat jaqta' hesrem meta wiehed mill-malviventi jidher qed jispara lejn il-*cameras* tas-sigurta'.

Ix xhud ta' naqra ta' retroxena ta' kif l-imputat spicca akkuzat b'dawn l-akkuzi quddiem din il-Qorti. Dana gara illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, tas-sena 2006 f'xis-saghtejn u kwart (2:15) ta' filghodu, jigifieri f'inqas minn xahrejn mill-incident in kwistjoni l-pulizija tal-Iskwadra Mobbli kienu ghamlu segwiment ta' vettura matul diversi toroq fic-centru ta' Malta li bdiet minn x'imkien mill-Hamrun, jekk mhux sejjer zball, jew minn dawk l-akwati, u li kienet spiccat fi Triq Ghajn Dwieli, gewwa Rahal il-Gdid.

Dakinhar il-pulizija kienet grat wara van bin-numru EQZ 018 li rrizulta li kien misruq, meta waqaf gewwa Triq Ghajn Dwieli, Rahal il-Gdid kien hemm kolluzjoni ma' vettura ohra li fiha kienu weggghu ukoll zewg tfajliet, ix-xufier u passiggiera li kienet fl-istess karozza u wara l-impatt l-okkupanti li kienu fil-vettura li kienet qed tigi segwita cioe' il-van EQZ 018 kienu harbu l-isfel lejn Triq Ghajn Dwieli, persuna minnhom kien qabez in-naha fejn hemm id-Dockyard u persuna ohra kienet qabzet in-naha l-ohra fejn hemm il-wied.

Il-persuna li kienet qabzet in-naha tax-xellug wara rrizulta li kienet certu Nezrin Jose de Vella Sexas u dan kien gie arrestat fuq il-post dak iz-zmien u l-persuna l-ohra li qabzet in-naha l-ohra tal-wied spara xi tir fid-direzzjoni tal-pulizija. Spjega ukoll illi kienu waslu dak iz-zmien ghall-imputat odiern, cioe' Michael Mifsud peress li meta kien qed jiehu l-*particulars* lill-persuna l-ohra Nezrin Jose de Vella Sexas meta talbu l-indirizz kif kien ghadu stordut dana tah l-indirizz ta' l-imputat Michael Mifsud, infatti tah l-indirizz ta' Golden Eagle, Triq San Frangisk, Haz Zabbar li kien l-indirizz fejn dak iz-zmien kien jabita l-imputat Michael Mifsud.

Spjega ukoll li dakinhar baqghet sejra tfittxija sal-ghada filghodu mbaghad kif sebah taht harruba ezatt minn fejn kien qabez l-imputat li harab ghal gol-wied sab senter ta' kanna wahda, li kien senter *repeater*, u hdejh ezatt kien hemm balaklava.

Dwar dak il-kaz kienet inzammet inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Anthony Vella, jekk mhux sejjer zball u sussegwentement kemm l-imputat odjern kif ukoll Nezrin Jose de Vella Saxas kienu gew mixlija separatament b'diversi akkuzi relatati ma' dan il-kaz. Nghid ukoll li l-

kaz fil-konfront ta' Michael Mifsud li tieghu gie prezentat il-process (Dok RB2) kien gie deciz nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu, 2012 u minn dik is-Sentenza la kienet appellat il-Prosekuzzjoni u lanqas id-Difiza.

Spjega ukoll li kemm fil-kors tal-in genere kif ukoll fil-mori tal-process (Dok RB 2) kienet saret xi komparazzjoni bejn l-iskratac li kienu gew elevati mix-xena tad-delitt tal-kaz ta' Marsascala, jigifieri mill-barriera ta' Alfred Mizzi Escavation Works, ma' skratac li kienu gew sparati mis-senter illi kien instab fil-wied ta' Ghajn Dwieli li dwaru l-imputat kien misjub hati mill-Qorti u jirrizulta mill-atti tal-inkjesta li kien hemm komparazzjoni posittiva fis-sens illi jirrizulta li dawk l-iskratac li kienu gew elevati minn dik ix-xena tad-delitt ta' Marsascala kienu gew sparati mill-istess arma li kienet giet elevata minn gol-wied taht Ghajn Dwieli.

Hu kien ha stqarrija lil Michael Mifsud li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat u dan hadielu wara li tah id-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu, infatti l-imputat kien ghazel illi ma jikkonsultax ma' avukat u dwar dan kien ukoll ghamillu dikjarazzjoni bil-miktub li tinsab annessa  mal-istess stqarrija li hija ga esebita f'dawn l-atti. Din kien tahielu fil-prezenza ta' PS 180 u kif ukoll fil-prezenza ta' PC 1135 gewwa l-ufficcju tieghu stess ftit qabel bdiet din l-interrogazzjoni tieghu. Jghid li l-imputat baqa' sieket kompletament mill-bidu sal-ahhar, infatti ma qallu l-ebda kelma matul dan l-interrogatorju kollu u fuq din l-istess stqarrija gharaf il-firma tieghu kif ukoll il-firma ta' PS 180 li kien prezenti kemm waqt it-tehid tal-istqarrija.

Illi nhar is-7 ta’ Novembru, 2012 xehed l-**Ispettur Joseph Mercieca** u spjega li xtaq izid max-xhieda  li kien ta fl-ahhar udjenza rigward dan il-kaz. Esebixxa kopja ta' rapport rigward serq ta' arma tan-nar minn gewwa Farm House, Wied ix-Xoqqa, Birzebbugia liema serq kien gie rapportat nhar l-1 ta' Jannar, 2006. Huwa fix-xhieda tieghu l-ahhar darba kien ghamel referenza ghall-arma tan-nar li kienet instabet wara l-incident ta' Wied il-Ghajn li kien sehh fis-26 ta' April, 2006. L-arma kien sabha hu l-ghada jigifieri fis-27 ta' April kmieni filghodu u dina kienet l-istess arma li kienet rapportata misruqa f'dan l-incident illi qed jirriferi ghalih dan ir-rapport li jgib in-numru 5/J/1 tas-sena 2006. L-arma li qed jitkellem fuqha hija arma tat-tip Breda senter tal-kacca li kienet iggib in-numru serjali 157911. Dan id-dokument gie esebiti bhala Dokument PL 1.

Illi nhar it-22 ta’ Jannar, 2013 rega’ xehed ghat-tielet darba  l-**Ispettur Joseph Mercieca** spjega illi qed jipprezenta certifikat mediku rigwardanti Nazzareno Cachia karta tal-identita’ numru 302241(M) u dan ic-certifikat mediku huwa rilaxxat minn Dr. Josianne Cutajar MD li bih hemmhekk hemm indikat illi dana l-persuna ghandu problema ta’ diffikultajiet serji dwar *speech* u biex jikkomunika. Fil-fatt huwa mhux kapaci li jikkomunika. Hemm indikat ukoll fl-istess certifikat li huwa mhux possibbli illi hu jaghti evidenza fil-Qorti. Xtaq izid jghid illi pero’ dana Nazzareno Cachia diga’ kien xehed fi proceduri quddiem il-Magistrat Miriam Hayman kontra l-imputat odjern u li kopja vera tad-depozizzjoni tieghu diga’ giet esebita fl-atti ta’ din il-kawza. Esebixxa dan ic-certifikat mediku bhala Dok. SNG1. (Hawnhekk il-Qorti tirrileva li fil-proceduri kriminali l-prosekuzzjoni ma tistax isserrah il-kaz taghhom billi tipproduci xhieda guramentata li nghatat f’kawza ohra

anke jekk fil-presenza tal-imputat u dan minhabba il-principju li kollox irid isir fil-presenza tal-imputat viva voce u dan sabiex il-Qorti li tkun qed tisma' il-kaz tkun tista' taghmel il-kontrolli taghha u taghmel l-aprezzament ta' tali xhieda. L-unika prova li hija ammissibli bhala tali hija dik li ssir permezz ta' affidavit f'dawk ic-cirkostanzi li l-ligi stess tippermetti f'kaz ta' tobba jew ufficcjali pubblici BISS. Ghalhekk tali xhieda dok SNG 1 ser tigi skatata in toto).

Illi nhar is-7 ta' Novembru, 2012 xehed **Michael Buttigieg** u spjega li huwa ex-Surgent ninety-one (91). Fit-3 ta' Marzu, 2006 ghall-habta tas-sebgha u nofs (7:30) ta' filghodu gie nfurmat mill-Control Room tal-Pulizija li kien hemm xi hruq go mpjant ta' Alfred Mizzi, Excavation Works go Marsaskala, Triq Sant' Antnin, Marsascala. Huwa niezel fuq il-post u qablu kienu gja waslu tas-Civil Protection li kienu qeghdin jitfu n-nar minn fuq *Cabin Cruiser* kbira li kienet go dan l-impjant u kienet imdewba kollha kwazi. Kien ghad fadal ftit minnha u ftit lil hemm minnha ra ghadira demm u kompla jiffolowja it-*trails* tad demm. Spjega li kien hemm kamra ftit il-boghod minnu, kamra li tintuza skond is-Sur Mizzi stess bhala kcina, u li din kellha tieqa sgassata. U minn go fiha qal li allegatament insterqu xi *appliances*. Komplew iduru ma' dan l-impjant peress li hemm il-kobor u kien hemm il-*mobile offices* u wiehed minnhom kellu l-bieb tieghu qisu kien gie sgassat pero' ma kienx miftuh. Ftit il-fuq izjed fejn hemm *mobile office* iehor kien hemm kelb mal-art b'gerha fuq rasu mejjet. Huwa staqsa lis-Sur Mizzi jekk ghandux xi *cameras* fil-qrib u urieh fejn kellu u nnota li wahda minnhom kellha tir ta' senter fuqha. Talbu biex

jaraw il-filmati, fil-fatt fil-filmat jidher persuna li kien mghammad jispara lejn din il-*camera* kif ukoll dehret xi vettura ta' kulur abjad.

Spjega li l-karozza kienet ta' kulur abjad u kellu miktub hemmhekk il-ghamla imma bil-*panic* ma setax isibha. Iz-zewg (2) persuni li kienu mghamda kienu liebsin ggieket fuqhom. Huwa mbaghad informa lill-Ispettur tieghu li kien is-Sur Anthony Cassar b'dak li kien irrizultalu. Huwa ukoll ipprezenta l-kopja tar-rapport li kien ghamel huwa stess li gie mmarkat bhala Dok. BM1. Mistoqsi jekk kienx indikalu x'kien insteraqlu huwa wiegeb xi *fridge*, *television* u xi *dvd* u kellu ukoll hsara fuq din il-*Cabin Cruiser*. Mistoqsi jekk qallux xi kemm kienet tiswa' il-*Cabin Cruiser* u jekk ghandux idea huwa wiegeb li l-*Cabin Cruiser* kienet evalwata ghas-somma ta' thirty-five thousand (LM 35,000) liri Maltin. Gie mistoqsi jekk kienux liri Maltin u spjega li l-kaz kien ilu li sehh xi sitt (6) snin ilu. Il-Prosekutur urih xi ritratti formanti parti minn Proces Verbal relattiv ghal dan il-kaz esebiti a fol. 38 tal-Process u staqsieh x'seta' jghid lill-Qorti dwar dawn ir-ritratti u spjega li dan huwa l-post in dezamina li dwaru kien qed jitkellem. Huwa spjega r-ritratti li gew murija u wiegeb li ndikaw l-oggetti li kien xehed dwarhom fosthom il-kelb, il-*cabin cruiser*, il-kamra, ir- roqgha demm u affarijiet simili.

Il-Prosekutur ghamillu referenza ukoll ghall-CCTV *footage* li kien hemm fuq il-post u kkonfema li kien rah u meta gie muri xi *stills* minn Dokument MC1 a folio disgha u tletin (39) tal-Process u gie mistoqsi

jekk dawk humiex l-*images* li hu ra dakinhar fuq il-post jghid li kienu l-istess u gharaf il-vettura li ghamel referenza fix-xhieda tieghu tal-ghamla Toyota Vitz. Huwa kkonferma l-okkorrenza mehuda minnu (dok BM 1 fol. 99) nhar it-3 ta’ Marzu, 2006 dwar ir-rapport li kien sar minn Alfred Mizzi ta’ Excavation Works, fi Triq Sant Antnin, M’scala.

Illi nhar is-7 ta’ Novembru, 2012 xehed l-**Ispettur Anthony Cassar** u gie muri kopja ta' rapport li kien ghamel lill-Magistrat Inkwirenti, fil-kaz tal-incident li kien sehh gewwa Ghajn Dwieli nhar is-26 ta' April, 2006 li jinsab esebit a folio 22 tal-atti processwali. Mistoqsi x'jaf jghid lill-Qorti u jekk dak hux ir-rapport tieghu, spjega li gharaf ir-rapport tieghu li kien  ghamel fis-26 ta' April, 2006 rigwardanti ncident serju li sehh fi Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid limiti ta' Bormla fejn tiri ta' arma tan-nar gew sparati fid-direzzjoni tal-Pulizija fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' nhar is-26 ta' April, 2006.

Gie muri rapport iehor rigward incident ta' hruq ta' *Cabin Cruiser* li sehh nhar it-3 ta' Marzu, 2006 u dan huwa r- rapport li jinsab fil-Proces Verbal  relattiv esebit bhala Dokument RB1 a folio 19 tal-atti processwali u spjega li gharaf ir-rapport tieghu datat 3 ta' Marzu, rigwardanti Cabin Cruiser bl-isem ta' *Heart Breaker* li kien hemm taht tinda fl-impjant ta' Alfred Mizzi Excavation Works ta' Triq Sant'Antnin, Marsaskala liema dghajsa kienet  inqerdet totalment wara li giet moghtija n-nar. Huwa gharaf ukoll il-firma tieghu fuq dan l-istess rapport.

Illi nhar is-7 ta’ Novembru, 2012 xehed **PS 1147 Antoine Fenech** u pprezenta kopja tal-*footage* li gie mghoddi lis-sezzjoni taghhom tal-forensic rigward il-kaz kif ukoll ghaxar (10) ritratti li gew estratti mill-*footage* li gie mghoddi lilhom. Huwa esebixxa r-ritratti li gew immarkati bhala Dok. A1 sa A10 u s-CD qed giet esebita bhala Dok. A11. Mistoqsi jghid fuq inkarigu ta' min kien ghamel dan ix-xoghol spjega li dan kien *police work*, gie rikjest mill-Ispettur. Il-*footage* ma sarx minn naha taghhom pero' gie mghoddi lilhom mis-CD u huma hadmu fuq ix-xoghol li gie mghoddi lilhom. Mistoqsi min ghaddih is-CD qal le m'ghandhux *record*. Jista' jkun kien l-Ispettur u jista' jkun li kien is-sid li ghadda x-xoghol lill-Pulizija u l-Pulizija ghaddewh lilhom. Pero' id-*download* ma sarx minn naha taghhom. Gie mistoqsi rigward sett ta’ *stills* esebiti mill-Prosekuzzjoni bhala Dok. MC 1 a folio 39 jekk humiex l-istess sett ta' *stills* jghid li kienu.

Illi nhar is-7 ta’ Novembru, 2012 xehed **PS 180 Fabian Aquilina** fejn gie muri stqarrija rrilaxxata mill-imputat Michael Mifsud esebita bhala Dokument JF 12 a folio 11 et sequitur tal-process u gie mistoqsi x'jaf jghid lill-Qorti dwar dan id-dokument huwa spjega li nhar il-21 ta' Gunju, 2012 qabel ma Michael Mifsud li gharaf fl-Awla beda jigi nterrogat fuq dan il-kaz inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur Legali tal-ghazla tieghu huwa rrifjuta dan id-dritt u giet maghmula dikjarazzjoni. Michael Mifsud ghazel li ma jiffirmax din id-dikjarazzjoni. Gharaf il-firem tieghu, ta' PC 1135 u tal-Ispettur fuq din id-dikjarazzjoni li qeghda a fol. 14 tal-Process. Mistoqsi f'liema stadju

nghatat din huwa spjega li qabel ma beda jigi nterrogat wara li nghatat it-twissija nsomma d-dritt tal-Avukat li huwa rrifjuta gie nterrogat u sussegwentement fl-istess gurnata ttiehdet stqarrija. Spjega li qabel ma ttiehdet l-istqarrija nghata d-dritt li ma jwegibx, li seta' ma jwegibx ghad-domandi li kienu ser isirulu. Huwa baqa' sieket ghad-domandi kollha li sarulu f'din l-istqarrija u gharaf il-firem tieghu u tal-Ispettur fuq it-tlett (3) faccati tal-istqarrija. Spjega li Michael Mifsud ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Illi nhar is-7 ta’ Novembru, 2012 deher **Nelson Jose’ Devilla Seichez** u ghazel li ma jixhedx peress li seta’ jinkrimina ruhu.

Illi nhar it-22 ta’ Jannar, 2013 xehdet **WPC 191 Marica Borg** fejn ikkonfermat li s-senter numru 157911 kien l-ahhar registrata fuq Nazzareno Cachia karta ta’ identita numru 302241(M). Hija spjegat li d-data ezatt ta’ meta gie rrappurtat misruq dan is-senter ma ghandhiex pero’ mill-atti l-arma dehret li *not owned* jigifieri *stolen*, qieghda rregistrata misruqa. Mistoqsija jekk jirrizultaliex kemm kien ilu licenzjat fuq dan is-senter tghid li kienet ilha tidher fuqu mis-sena 1998. Tghid li llum hemm sistema li appena jidhol rapport li hemm arma misruqa, awtomatikament dan ir-rapport jidhol fis-sistema tal-*weapons* wahdu. Hija ddikjarat li esebiet il-kopja tal-licenzja bhala Dok. MB1.

L-istess xhud in kontro ezami fl-istess seduta giet mistoqsija mid-difiza jekk hi hux qed tghidilhom li din l-arma kienet registrata mal-Pulizija bhala misruqa hija spjegat li rregistrata f’isem Nazzareno

Cachia pero' awtomatikament meta giet misruqa hija tahseb li s-sid kien ghamel rapport u tigi awtomatikament innutata misruqa. Hija spjegat li ma tafx min irrapurtaha misruqa. Mistoqsija min imputtjaha fis-sistema li hija misruqa spjegat li din is-sistema qieghda llum awtomatikament tidhol wehidha (vide Dok. MB 1 fol. 76 tal-atti). Id-difiza spjegat awtomatikament mhux wehidha u x-xhud spjegat li min ikun ghamel ir-rapport li nsterqet. Id-difiza regghet staqsiet min ghamel ir-rapport u min imputtjaha fis-sistema. Id-difiza spjegatilha li hi giet tghidilhom li dak li ma tafx effettivament izda x-xhud qalet li le mhux dak li ma tafx. Mistoqsija jekk ircevietx ir-rapport tas-serqa hija wieget li le mhux hi. Mistoqsija jekk hux hi mputtjatha fis-sistema wiegbet li le lanqas. Tghid li hija fl-ebda hin ma tkellmet ma' Cachia.

Illi nhar it-22 ta' Jannar, 2013 xehed **PS 1312 Adrian Sultana** u gie mitlub jispjega r-rapport numru 5J/1 tat-2006 x'jirrigwarda, jekk dahlux hu u fuq x'hiex inhu dak ir-rapport. Huwa spjega li fl-ewwel (1) ta' Jannar, 2006 fis-1.30 ta' filghodu rcieva rapport minghand Nazzreno Cachia, ID Card number 302241(M). Dana joqghod Farmhouse, Wied ix-Xoqqa, Birzebbuga, kien joqghod dak iz-zmien u rraporta illi kien ghadu kif mar id-dar u xi hadd dahallu d-dar u kienu serquh. Huwa u l-Ispettur Johann Fenech, li dak iz-zmien kien stazzjonat l-Ghassa Birzebbuga marru fuq il-post, fejn sabu l-post imqalleb, kien hemm hafna taqlib. Il-kwerelant kien qalilhom illi fost l-affarijiet li nduna li ghandu neqsin kien hemm *shotgun* tal-marka Breda, *serial number* 157911 u kien qalilhom ukoll li sab misruq *mobile* Nokia 3310. L-Ispettur dak iz-zmien kien sejjah lil tal-

fotografija u l-*fingerprints* biex jaghmlu x-xoghol minn naha taghhom u huwa ghamel rapport li ddikjara li qed jipprezentah u mmarkat bhala Dok. SA1.

Illi nhar is-17 ta' Ottubru, 2013 xehed **Dr. James Walker** bil-lingwa Ingliza fejn gie muri kopja tar-rapport tieghu tal-komparazzjoni tad-DNA li hu ghamel fil-kawza '**Il-Pulizija vs Michael Mifsud'** rigward l-incident li kien hemm Ghajn Dwieli fis-26 ta' April, 2006. Gie mitlub jikkonferma jekk dan hux ir-rapport tieghu li jinsab a folio 668 tal-kopja tal-istess Process esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok RB 2. Huwa wiegeb li iva din hija kopja tar-rapport tieghu. Il-Prosekutur gie mistoqsi mill-Qorti jekk hemmx firma u huwa wiegeb li iva hemm. Huwa gharaf il-firma tieghu a fol. 671 isfel fuq ix-xellug u kkonferma l-kontenut ta' dan ir-rapport. Gie mitlub jghid fil-qosor x'kienu r-rizultati u spjega li fl-opinjoni tieghu r-rizultanzi jipprovdu evidenza cara li jippruvaw illi d-DNA mehuda mill-balaklava esebita u markata 06BGPJM201 tappartjeni esklussivament lil Michael Mifsud u l-ebda persuna ohra.

Illi nhar il-21 ta' April, 2014 din il-kawza flimkien ma' numru kbir iehor giet assenjata lil din il-Qorti b'digriet tal-Onorevoli Prim Imhallef.

Illi din il-kawza giet appuntata ghal quddiemha nhar id-9 ta Mejju, 2014 meta dakinhar deher l-imputat assistit mill-avukat difensur

tieghu u l-ufficjal prosekutur li ezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga’ tisma’ ix-xhieda mill-gdid u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni.

Illi nhar is-6 ta’ Gunju, 2014 dehru l-partijiet u saret it-trattazzjoni u l-partijiet talbu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi f’din il-kawza l-imputat gie akkuzat talli bejn it-2 u 3 ta’ Marzu, 2006 gewwa l-impjant ta’ Alfred Mizzi Excavation Works, Marsascala volontarjament ta n-nar u kkawza diversi hsarat, li kkometta serq ta’ diversi oggetti minn dan l-istess fond u dan waqt li kellu fuqu arma tan-nar, talli kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar jew munizzjoni kif elenkat fit-tieni skeda tal-kapitolu 480 u fl-ahhar lok talli qatel annimal u cioe’ kelb waqt li kien fl-istess fond.

Illi l-imputat ma xehedx f’dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxja stqarrija matul l-investigazzjoni tal-pulizija sitt snin wara li sehhew ir-reati addebitati lill-imputat u cioe’ nhar il-21 ta’ Gunju, 2012, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 11 markata bhala Dok JM3. Jinghad li f’din l-istqarrija l-imputat baqa’ sieket u ma wiegeb ghall-ebda domanda.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT**

Il-principju generali rigward it-tezi ta' "*burden of proof*" hi dik ta' min jallega jrid jipprova. Fil-fatt fi kliem **Manzini** kif misjuba fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale***[1],

*"il cosi della onere detto prova cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa," (onus probandi incumbit qui asserit).*

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-**Artikolu 40 subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

[1] Kapitolu IV, vol III, pagna 234 (Ediz. 1890)

Dan il-principju gie ukoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Michele Borg et**'[2] fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat l-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni; li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-fatt rigward liema grad ta' prova jrid jigi sodisfatt il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali -- 13 ta' Mejju, 1936

"*that degree is well settled…it must carry a high degree of probability...if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*"

Xi tfisser dubju ragjonevoli mhux facli biex jigi deskritt, pero' zgur li tfisser aktar mill-grad ta' probabbilita'. Il-livell tal-prova hija wahda gholja pero' ma tridx tigi konfusa mal-livell ta' certezza morali u lanqas ma prova xjentifika. **Lord J. Denning** fis-sentenza ***Miller v Minister of Pensions* (1935)** qal:

"*that degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice*[3]."

[3] May Richard Criminal Evidence (3rd Ed.) Sweet & Maxwell pg. 64 para. 4-38

Id-Difiza sostniet wkoll li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova sabiex tipprova l-kaz taghha kif hija tenuta taghmel skond l-**Artikolu 638(1) tal-Kap. 9** u cioe' li ma thalli l-ebda xhud barra li x-xhieda tieghu tkun importanti. Illi dan huwa kollu minnu pero' kif gie deciz fis-sentenza '**Repubblika ta' Malta v Dottor Lawrence Pullicino**' moghtija nhar is-sebgha (7) ta' Frar, 1991, huwa veru li l-ligi tirrikjedi l-ahjar prova, pero b'daqstant ma teskludix l-ammissibilita' ta' provi sekondarji specjalment meta dawn ikunu l-unici provi disponibbli jew huma ntizi biex isahhu l-ahjar prova.

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Paul Farrugia**' mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Marzu, 2000, huwa dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat, u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.

Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq provi cirkostanzjali, pero sabiex din il-Qorti taccetta din it-tezi trid tkun sodisfatta li kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v David Gatt**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax (17) ta' Gunju, 1988, li

*"provi cirkostanzjali huma bhal katina, li tintrabat minn tarf sa tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax (15) ta’ Gunju, 1988 fil-kawza fl-ismijiet ‘**<u>Il-Pulizija v Lee Borg</u>**’ gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe’ mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa jkunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta’ dan il-kaz, li jigi ppruvat li kien l-imputat <u>biss</u> li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista’ torbot lill-imputat b’mod univoku mar-reati addebitati lilu. Skond kif deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta (6) ta’ Mejju, 1961 fis-sentenza fl-ismijiet ‘**<u>Il-Pulizija v Carmelo Busuttil</u>**’:-

*“Il-prova ndizzjarja ta’ spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.”*

Illi ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti sejra tikkonsidra xi provi resqet il-prosekuzzjoni u jekk irnexxilhiex tipprova n-nexus bejn il-provi migbura ma’ dawk tal-imputat.

Il-prosekuzzjoni esebiet il-proces verbal dwar meta l-imputat kien fil-kumpanija ta' Nelson Jose De Vella Seixas maghruf bhala l-Portugiz u kienu habtu Ghajn Dwieli, Bormla wara li l-pulizija kienu segwewhom. Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca li effettivament dakinhar mal-habta z-zewg persuni li kienu rikba fil- vettura Citroen Berlingo bin-numru EQZ 018 kienu telqu jigru u kienu qabdu lil Nelson Jose De Vella Seixas. Jirrizulta ukoll li fit-tellieqa li ghamlu wiehed mill-malviventi Nezrin Jose de Vella Sexas kien qabez cint u ghalhekk qabduh u gie arrestat filwaqt li l-persuna l-ohra li qabzet in-naha l-ohra tal-wied u sparat xi tir fid-direzzjoni tal-pulizija. Irrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca li ma gietx ontradetta li dakinhar baqghet sejra tfittxija sal-ghada filghodu mbaghad kif sebah taht harruba ezatt minn fejn kienet qabzet il-persuna l-ohra (li ma qabdux) gol-wied sab senter ta' kanna wahda, li kien senter *repeater* u hdejh ezatt kien hemm balaklava. Jirrizulta li din il-balaklava giet ezaminata minn Dr James Walker u rrizulta li fuqha kien hemm id-DNA tal-imputat odjern kif ikkonferma l-istess Dr James Walker f'dawn il-proceduri odjerni. Dwar dan ukoll ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni mid-difiza.

Jirrizulta anke minn dak li xehed l-Ispettur Joseph Mercieca li mhux kontestata li l-pulizija hadet passi kriminali fil-konfront taz-zewg persuni u cioe' l-imputat odjern Michael Mifsud u Nelson Jose De Vella Seixas u dan b'mod separat u llum il-kazijiet taghhom gew decizi u l-imputat kien instab hati ta' dawk l-istess reati li kien gie akkuzat bihom in konnessjoni ma' dan l-incident u nhar it-23 ta' Marzu, 2012

kien gie misjub hati u kkundannat tlett snin prigunerija oltre dan gie kkundannat ihallas multa. F'dawn il-proceduri odjerni l-imputat kien instab hati tal-akkuza li garr arma tan-nar minghajr licenzja tal-pulizija u dan b'referenza ghall-arma li nstabet l-ghada filghodu fil-wied fejn kien qabez l-imputat liema arma hija dik l-istess wahda li kienet giet misruqa originarjament minghand Nazzareno Cachia.

Illi ghalhekk dwar il-partecipazzjoni tar-reati li saru Ghajn Dwieli ma hemmx kontestazzjoni. Issa f'din il-kawza l-prosekuzzjoni qed tipprova torbot lill-imputat odjern mar-reati li sehhew fi Triq Sant Antnin, Marsascala fil-prorpjeta' ta' Alfred u Jonathon Mizzi.

L-Ispettur Joseph Mecieca fix-xhieda tieghu spjega li fil-kors tal-inkjesta dwar il-kaz ta' Marsascala li jinsabu kompilati fid-dokument RB1 (fol. 19) il-Qorti kienet innominat lil PS 602 Jonathan Attard bhala *scene of the crime officer* sabiex jeleva dak kollu li kien ta' evidenza forensika fil-kaz tal-incident li sehh fl-inkejsta ta' Marsascala Dok RB1. Jinghad li PS 602 waqt l-ezami tat-tfittix tieghu eleva tlett skratac li huma dentifikati bhala Dok 06AQO201, Dok 06AQO202 u Dok 06AQO203. Illi in segwitu l-istess Magistrat kienet innominat lil 154 Jesmond Cassar sabiex jezamina u jirrelata dwar tliet (3) skratac mghoddija lilu mis-*scene of the crime officer* PS 602 J. Attard nhar is-7 ta' April, 2006. Jghid fir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti tal-inkjesta Dok. RB1 u mmarkata bhala Dok JC huwa nghata tlett skratac sparati ta' Gauge 12 li gew dokumentati bhala Dok 06 AQO 201 sa 203. Jghid li minn ezami li ghamel fuq dawn it-teltt dokumenti rrizultalu li dawn huma tlett skratac sparati ta' Gauge 12 manifatturati l-Italja mid-ditta Baschieri & Pellagri. Ghandhom in-numru 6 cirku li jidika li kienu

kkargati b'comb numru 6. Dawn l-iskratac ghandhom fuqhom marki li jindikaw li dawn gew sparati minn senter tat-tip *Semi Automatic*. Zied jghid li minn ezami li ghamel taht mikroskopju komparatorju stabilixxa li dawn it-tlett skratac ghandhom fuqhom marki li jindikaw li gew sparati mill-istess senter.

Illi jinghad li fl-atti tal-istess inkjesta fuq imsemmija dwar l-incidenti ta' Marsascala l-allura Magistrat Lofaro kienet innominat lill-esperti Ballistici Brigadier Maurice Calleja u Surgent 154 Jesmond Cassar sabiex jaghmlu komparazzjoni bejn skratac tal-kacca sparati li nstabu fit-3 ta' Marzu, 2006 f'kaz ta' hruq ta' *cabin cruiser* fil-fond Alfred Mizzi Excavation Works fi Triq Sant'Antnin, Marsascala u '*Test Cartridges*' li kienu sparaw l-esponenti stess b'arma tan-nar li biha kienu gew sparati tiri fl-incident li sehh fil-lejla ta' bejn il-25/26 ta' April, 2006 liema arma u skratac jinsabu esebiti fil-kawza li kien hemm pendenti fl-ismijiet '**Il-Pulizja vs Michael Mifsud**'. Fir-relazzjoni taghhom jghidu li huma ghamlu komparazzjoni bejn tlett skratac li kienu gew mghoddija lilhom minn PS 154 Jesmond Cassar liema skratac kienu dokumentati bhala 06 AQO 201 sa 203 u zewg skratac dokumentati DOK TC 1 konnessi mal-incident tal-25/26 ta' April, 2006 u dan l-ezami taghhom sar fuq mikroskopju fil-laboratorju foresniku.

Huma kkonkludew is-segwenti:-

*"Mill-ezamijiet li ghamlu l-esponenti rrizulta li l-iskratac kollha kellhom marki fuq il-bazi taghhom kif ukoll fuq ir-RIM taghhom li kienu jaqblu ma' xulxin u li ma hallew l-ebda dubju li dawn il-marki kienu saru mill-istess arma tan-nar waqt sparaturi. Din l-arma kienet*

*dik li ntuzat fir-reat li sehh fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' April, 2006 fi Triq Ghajn Dwieli u li kienet giet immarkata bhala Dok CC1.*

*Ghalhekk ikkonkludew li wara l-ezamijiet kollha li ghamlu l-esponenti waslu ghall-konkluzjoni li t-tlett skratac sparati konnessi* mal-incident *li sehh fil-lok ta' Alfred Mizzi Excavation Works fit-3 ta' Marzu, 2006 kellhom marki li kienu jaqblu mal-marki li kien hemm fuq l-iskratac konnessi mal-incident li sehh fi Triq Ghajn Dwieli fil-25/26 ta' April, 2006 u ghaldaqstant kienu sparati mill-istes arma tan nar."*

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq dawn il-provi cirkostanzjali.

Id-difiza qed issotni li ghalkemm il-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li verament it-tiri gew sparti mill-istess arma tan-nar li kellu l-imputat meta kkometta r-reati ta' Ghajn Dwieli nhar il-25/26 ta' April, 2006 dan ma jfissirx li s-senter kien f'idejh qabel din id-data u cioe' nhar it-3 ta' Marzu, 2006.

Issa ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **<u>Teper v R</u>** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more*

*obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Emanuel Seisun**' nhar id-disgha (9) ta' Jannar, 1998.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**' fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill- akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u li l-provi li jigu mressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat bir-reati addebitati lilu.

Fis-sentenza '**<u>Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et</u>'** deciza fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 kien intqal li:

"*il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Ricentement nhar it-tmienja (8) ta' Mejju, 2014 fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Cyrus Engerer</u>**' deciza mill-Qorti tal-Appell tajjeb saret analisi ta' xi gurisprudenza f'pajjizna kif ukoll ghal xi guristi Inglizi li dahhlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci.

Ghamlet referenza ghall-kaz fl-ismijiet '**<u>Ir-Repubblika ta'Malta v George Spiteri</u>**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2002 fejn dik il-Qorti sostniet is-segwenti:

*'Il-prova ndizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun*

*moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi'*.

Fil-kaz fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Paul Grech**' deciza ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta'April, tas-sena 2001 intqal illi *l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat*.

Anki fil-kaz '**Il-Pulizija v James Abela**' deciza ukoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta'Lulju, 2002 gie ddikjarat illi 'In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi ndizjarji - "*circumstantial evidence*" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*" .... F'materja ta' incidenti stradali l-provi ndizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu jkunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Imbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li

gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova ndiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lil' hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin.'

Finalment fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta'Malta v Angel sive Angelo Bajada**' datata l-ħmistax (15) ta'Mejju, tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi'*L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu nekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'*.

Illi jekk induru fuq guristi Inglizi senjatament Pollock C.B2 l-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha nghatat is-segwenti deskrizzjoni:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not*

*so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of*."

Kwindi jidher car kif stqarret l-istess Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza '**Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**' (op cit) mill-kazistika msemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta'dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-Prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre l-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista' twassal ghall-htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinholoq dubju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta'univocita'.

Illi fil-kaz in desamina verament ma jirrizultax li hemm xi xhud okulari li ra l-imputat jikkommetti r-reati moghtija fil-konfront tieghu u lanqas ma jirrizulta xi filmat fejn tidher il-pesuna tal-imputat u dan ghaliex minn kien gewwa il-fond ta’ Marsascala allegatament spara lejn ic CCTV camera u ghalhekk iddistrugga kwalsiasi evidenza li setgha kien hemm pero’ il-Prosekuzzjoni rnexxilha tallaccja l-imputat max-xena tad-delitt tar-reati de quo billi ppruvat li l-imputat kien fil-pusess illegali ta’ arma tan-nar u cioe’ is-senter li gie misruq minghand Nazzareno Cachia u dan meta nstab hati tal-pussess tieghu u li spara minnu in konnessjoni ma’ reati li sehhew xahar wara r-reat taht il-lenti odjerna.

Ghalhekk din il-Qorti tistaqsi jekk a bazi ta’ tali prova esklussiva din il-Qorti tistax ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li kien l-imputat li kkometta dawn ir-reati jew kif allegat id-difiza setghax kienet persuna ohra li uzat din l-istess arma li sussegwentement uza l-imputat li wara kollox kienet giet misruqa minghand sidha legittimu u cioe’ Nazzareno Cachia nhar il-31 ta’ Dicembru, 2005 (Dok SA 1 fol. 79).

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju regjonevoli, cioe’ oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-

ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond any reasonable doubt*.'

*"Proof beyond any reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'Of course it is possible, but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li dak li trid taghmel sabiex tasal ghall-gudizzju taghha hu li tqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens taghha, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Illi fil-fehma taghha l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill- ligi billi provat li l-imputat kien fil-pussess tal-arma li nsterqet minghand Nazzareno Cachia nhar il-31 ta' Dicembru, 2005, li ntuzat fir-reati odjerni u ftit wara regghet intuzat din id-darba bla dubju mill-imputat meta kkommetta r-reati li huma konnessi mar-reati li sehhew f'Ghajn Dwieli u ghalhekk thoss li bil-provi xjentifici li resqet il-Prosekuzzjoni dawn ghandhom jitqiesu li huma tali li ma jhallu l-ebda dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li kkommetta r-reati in kwistjoni u ghalhekk qed issibu hati taghhom. L-imputat fl-ebda hin ma kkontesta l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u lanqas xehed sabiex ixekkel it-tesi taghha u ghalhekk fin-nuqqas ta' xi prova kuntrarja l-Qorti thoss li l-akkuzi huma approvati sal-grad rikjest mill-ligi penali.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 64(1), 261(a)(b)(c)(e)(f), 269, 280(2), 316, 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 5(1) u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi li ssib lill-imputat MICHAEL MIFSUD hati tar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' erbgha (4) snin komplessivi.**

**Oltre dan tordna li ma jkollu l-ebda licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar ghall-hajtu kollha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------